ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tnejn, 08 ta' April, 2024

Talba Nru: CCT222/23/DS

Agnes Farrugia

Vs

Top Choice Ltd.

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fid-29 ta' Novembru, 2023 fejn talab illi s-soċjeta' intimata ttiha riżarċiment ta' erbgħa mija u erbgħa Ewro (€404) f'danni illi minn l-irċevuti preżentati jirriżulta li huma riżarċiment tal-ammont li għalieh kien mixtri t-TV u l-ħlas tal-*insurance report*;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fl-19 ta' Jannar, 2024;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tal-partijiet bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attriċi kkonfermat il-punti essenzjali tat-talba tagħha, bl-informazzjoni illi niżżlet fiha, taħt ġurament kif ukoll żiedet xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tagħha.

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha.

Illi dan it-Tribunal jifhem illi għalkemm l-attriċi indikat somma sabiex tiġi riżarċita l-istess mis-soċjeta' intimata, waqt ix-xhieda indikat illi jekk dan mhux possibbli qiegħeda titlob illi tingħata TV ġdid mingħand is-soċjeta' intimata.

Illi l-fatti in suċċint huma s-segwenti. L-attriċi bagħtet lil ħuha jixtrilha TV għaliex kienet ma tiflaħx. Meta kien għand is-soċjeta' intimata minn fejn xtara dan it-TV lill-oħtu, Victor Micallef, fi kliem l-attriċi, ma qalliex "illi kien hemm xi problema waqt li kien għand it-Top Choice, pero' meta ġie bih u ftaħnieh mill-kaxxa, innutajna illi fuq l-*iscreen* kien hemm qisha brimba..." Dan irriżulta illi kien frott ta' ħsara fuq l-iscreen, riżultanti minn impatt skont it-tekniku li finalment ra t-TV u kkonstata l-ħsara li kellu. Din il-ħsara setgħet ukoll saret bi pressa minn l-iswaba fuq l-*iscreen*.

Illi s-soċjeta' intimata ma aċċettatx illi tibdel it-TV jew tirrifondi l-ħlas lura flimkien ma danni ulterjuri għaliex sostniet illi hija ma hija ħatja ta' l-ebda tort stante illi sakemm ħareġ minghandha t-TV ma kienx milqut. In fatti, hija tgħid illi kienu ħarġu t-TV mill-kaxxa u wrewh lis-sinjur u daħħluh lura u huwa ma għamel l-ebda allegazzjoni illi kien hemm xi *mishandling*.

Illi dan it-Tribunal semgħa x-xhieda prodotti u huwa tal-opinjoni illi s-soċjeta' intimta m'għandha l-ebda tort fl-akkadut. Jidher illi meta kien maħruġ mill-kaxxa biex jintwera' lil ħu l-attriċi t-TV kien intatt, mingħajr l-ebda laqta' fuqu li setgħet produċiet din il-ħsara forma ta' brimba fuq l-*iscreen* u nfatti ma kien hemm l-ebda allegazzjoni li dan it-TV kien b'xi mod *mishandled*.

Illi hija l-attriċi illi qiegħda tallega illi s-soċjeta' intimata għandha tort pero' ma ġabet l-ebda prova konkreta illi tagħti sostenn lill-allegazzjoni tagħha, w'għaldaqstant dan it-Tribunal m'huwiex moralment konvint illi dak li qiegħda tallega l-attriċi għandu mis-sewwa. Fil-verita' dan it-Tribunal huwa fil-fatt moralment konvint illi l-ħsara saret meta nħareġ mill-kaxxa t-TV meta kien fil-pussess tal-attriċi anke jekk forsi mhux b'mod konsapevoli.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal ma jsibx illi t-talba tal-attriċi hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda li ngħatat u mill-provi dokumentarji illi ġew prodotti fl-atti u għaldaqstnat m'hemmx bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal

jidhirlu illi l-attriċi ma provatx il-każ tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħha għandha tiġi miċħudha fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-attriċi.

Bl-ispejjes kontra l-istess attriċi.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru